**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Marzu, 2001

**Numru 14**

**Avviz. numru 739/00JR**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha George Galea sija bil-polza u sija bil-ligi**

**vs**

**Alfred Cutajar u b'degriet tat-28 ta' Novembru, 2000, isem il-konvenut ghandu jitnizzel bhala Kevin Cutajar**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Mejju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija erbgha u disghin centezmu (Lm219.94), rapprezentanti danni sofferti fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta' Awissu, 1998, il-Mellieha, bejn il-vettura numru AAD-698 misjuqa mill-

**konvenut u l-vettura numru AAG-337 misjuqa minn u proprjeta` ta' l-assikurat Galea, liema incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut meta waqt li l-vettura ta' l-assikurat kienet wieqfa fit-traffiku il-konvenut baqa' diehel fiha minn wara;**

**Bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Marzu, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali kontra s-socjeta` assikuratrici presentata kontestwalment kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni, kif ukoll ghaxar liri (Lm10.00) ghal-survey report.**

**Ra r-risposta tal-konvenut presentata fit-30 ta' Gunju, 2000, fejn intqal illi:**

**Preliminarjament il-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur stante illi fid-data ta' l-incident il-vettura kienet misjuqa minn Kevin Cutajar;**

**Fil-meritu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' l-assikurat tas-socjeta` attrici minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess George Galea li rriversja fil-vettura misjuqa minn Kevin Cutajar;**

**Inoltre d-danni huma esagerati stante li kif jirrizulta mis-"survey report" anness u markat Dok.A, il-hsara riskontrata fil-petrol meter gauge ma setghetx giet kawzata bl-incident odjern.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, Kevin Cutajar, Romina Mallia, George Galea, u Brian Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Jibda biex jinghad li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet sorvolata wara li saru l-kjarifikazzjonijiet opportuni;**
2. **Dwar l-incident in kwistjoni, dana gara fi Triq Borg Olivier, fit-tela', il-Mellieha. L-attur kien bil-vettura AAG-337, filwaqt li l-konvenut kien bil-vettura AAD-698.**
3. **L-attur qed jghid li waqt li kienu maqbudin fit-traffiku, u hu kien wieqaf, il-konvenut dahal go fih minn wara. Il-konvenut qed jghid li kien l-attur li rriversja go fih.**
4. **Romina Mallia li kienet passiggiera mal-attur tikkonferma li l-konvenut dahal fihom minn wara, u li dak il-hin il-konvenut ammetta t-tort. Hi eskludiet li mxew lura.**
5. **L-attur isostni li meta gara l-incident kellu l-handbrake imtella u l-footbrake maghfus.**
6. **Il-konvenut jaqbel li kienu inqabdu fit-traffiku, u jghid li t-traffiku waqaf f'daqqa. Hu kien wieqaf wara l-attur, ma jiftakarx kemm warajh. Dwar il-kollizjoni jghid li l-vettura ta' l-attur ma marritx lura hafna qabel ma laqtitu.**

7. **Brian Vella, kugin tal-konvenut, li kien qed jahdem faccata ta' fejn gara l-incident, jghid li l-konvenut daqqlu l-horn, u li ra lill-attur sejjer ghall-fuq il-konvenut bir-reverse, u kienu aktar minn nofs karrozza il-boghod minn xulxin. It-tribunal ghandu id-dubbji tieghu dwar id-deposizzjoni ta' dan ix-xhud, in kwantu kien l-unika wiehed li jidher li sema' l-"horn", u donnu kien aktar intent li jxejjer lill-kuginuh milli jara x'qed taghmel il-vettura ta' quddiemu.**
8. **Fl-istess rigward anke il-konvenut stess kien qed ixejjer lill-kuginuh, u ghalhekk, wiehed jista' faciment jiddesumi li ma kienx qed ihares il-quddiem, izda la gemba, ghalhekk wisq inqas setgha jghid li l-attur irriversja ghall-fuqu.**
9. **In-natura tad-danni li garrab il-konvenut jaghti wkoll x'jifhem li kien hemm certu impatt, u mhux semplicement karrozza li serrhet ma' l-ohra.**
10. **Ghalhekk jidher li ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut.**
11. **Dwar id-danni sar "survey" Dok.MA1, u l-ammont tad-danni jirrizulta mid-Dok.MA2 sa Dok.MA5, cioe` ghaxar liri (Lm10.00) tas-survey, sebghin lira (Lm70.00) tal-panel beating u spray, mija disgha u tletin lira Maltija erbgha u disghin centezmu (Lm139.94) ghall-"parts", inkluz il-petol meter gauge li jidher li ma hadimx bhala konsegwenza ta' l-incident. Dawn b'kollox igibu it-total mitlub ta' mitejn u dsatax-il**

**lira Maltija erbgha u disghin centezmu (Lm219.94). Ma jirrizultax li dawn id-danni huma esagerati.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u dsatax-il lira Maltija erbgha u disghin centezmu (Lm219.94) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 ta' Marzu, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali kontra s-socjeta` assikuratrici presentata kontestwalment kontra l-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**